MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2011

Numru. 1146/2010

**Il-Pulizija
Spettur Robert Vella**

**vs**

**Jonathan Vassallo**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Jonathan Vassallo ta’ 26 sena, iben John u Lucia nee’ Ellul, imwieled Pieta’ nhar il-25 ta’ April 1984 u residenti gewwa Plot 19/20, Flat 5, Triq il-Barrieri, Mqabba u detentur tal-karta tal-identita’ numru 219184(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-8 t'Awwissu 2010, ghall-habta ta' xi 03:00Hrs, gewwa dawn il-Gzejjer:-

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza publika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe ta' l-Ispettur Robert Vella, Ps 214 Luke Bonello u Pc 1112 George Buhagiar, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96, tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' l-Ispettur Robert Vella, Ps214 Luke Bonello u Pc 1112 George Buhagiar, li huma persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur ta' Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkawza offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna l-ispettur Robert Vella, Ps 214 Luke Bonello u Pc 1112 George Buhagiar u dan skond ma iccertifika Dr M. C. Vassallo MD Vassallo Reg No 5254 mic-Centru tas-sahha tal-Mosta u dan bi ksur ta' artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' l-Ispettur Robert Vella, Ps 214 Luke Bonello u Pc 1112 George Buhagiar, weggghahom b'gesti, b'kitba, b'disinji, bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat inkella bi kliem jew ghemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 252(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lill-ispettur Robert Vella, Ps 214 Luke Bonello u Pc 1112 George Buhagiar, ingurja jew hedded mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ikun ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u

dan bi ksur ta' Art 339(1), (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Jannar 2011 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-7 ta' Jannar 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali netta kif ukoll il-fatt li kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 96, 95, 221(1), 252(1) u (2),339(1)(e),338(bb), 242 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt(6) xhur prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perjodu ta’ tnax(12)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------